# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Jannar 2002**

**Numru 5**

**Avviz. numru 932r/01mm**

**Jan Farrugia personalment u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Gullivers Ltd.**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fid-9 ta' Novembru 2001 fejn talab lil din il-Qorti:

Illi huwa gie nnotifikat b'ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 18 ta' Ottubru 2001 fejn ir-rikorrenti proprio et nomine gie interpellat biex ihallas is-somma ta' Lm4491 rappresentanti in kwantu ghal Lm4200 ammont totali ta'

tnaqqis li kellu jsir mill-pagi u s-salarji ta' l-impjegati tas-socjeta' Gullivers' Ltd. u Lm291 bhala kontribuzzjoni addizzjonali ai termini ta' l-artikolu 116 (1) (b) tal-Kap 318.

Illi r-rikorrenti jixtieq jikkontesta dak kontenut fl-imsemmija ittra ufficjali u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok huwa mhuwiex direttur tas-socjeta' Gulliver's Ltd, u lanqas ghandu r-rapprezentanza guridika f'ismu ta' l-istess socjeta'. Huwa biss "minor shareholder" fi hdan l-istess socjeta' b'shareholding ta' 100 share. Id-Direttur ta' l-istess socjeta' hija Medarda sive Aida Portelli li hija ukoll major shareholder. Fil-fatt hija l-istess Aida Portelli li ghandha t-tmexxija tal-kumpanija f'idejha u hi tiehu hsieb il-pagamenti kollha li ghandhom isiru f'isem l-istess socjeta'.

2. Illi l-ammont pretiz mill-intimat ma huwiex kollu dovut u dana in vista tal-fatt illi kienu saru diversi pagamenti kif jirrizulta mir-ricevuti annessi u mmarkati bhala Dokument X. Fil-fatt mill-kotba ta' l-istess socjeta' jirrizulta illi l-ammont realment dovut huwa ta' Lm1687.40c. Ghal kull buon fini gew esebiti wkoll il-workings illi saru mill-accountant ta' l-imsemmija socjeta' li gew immarkati bhala Dokument Z minn fejn jirrizulta l-pagamenti li kienu saru kif ukoll, l-ammont dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tannulla l-effetti kollha ezekuttivi ta' l-

ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 2001 mibghuta lir-rikorrenti mill-intimat u dana fl-ewwel lok stante li r-rikorrenti ma huwiex il-legittimu kontradittur u t-tieni lok stante illi l-ammont mitlub mhuwiex kollu dovut u dana ai termini ta' l-artikolu 119 (2) tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ipprezentata fl-4 ta' Jannar 2002 fejn eccepixxa:

Illi huwa qieghed jirrinunzja ghall-effetti ta' l-ittra ufficjali minnu mibghuta datata 18 t'Ottubru 2001 bla pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni li jista jiehu fil-futur kontra terzi.

Stante din in-nota;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu.

Bl-ispejjez pero' li ghandhom ikunu a karigu tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Anthony Zammit

Dep Reg